

# Edukazzjoni Inklużiva Bikrija

Għarfien u Għodod Ġodda
Rapport Sommarju Finali

EUROPEAN AGENCY
for Special Needs and Inclusive Education

# EDUKAZZJONI INKLUŻIVA BIKRIJA

Għarfien u Għodod Ġodda
Rapport Sommarju Finali

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija) hija organizzazzjoni indipendenti u awtonoma. L-Aġenzija hija kofinanzjata mill-ministeri tal-edukazzjoni fil-pajjiżi membri tagħha u mill-Kummissjoni Ewropea, u sostnuta mill-P arlament Ewropew.

Kofinanzjat mill-Programm tal-Unjoni Ewropea Erasmus+

Is-sostenn tal-Kummissjoni Ewropea għall-produzzjoni ta' din il-pubblikazzjoni ma jikkostitwixxi l-approvazzjoni tal-kontenut li jirrifletti l-fehmiet tal-awturi biss, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li hemm fiha.

Il-fehmiet espressi minn kwalunkwe individwu f'dan id-dokument mhux neċessarjament jirrappreżentaw il-fehmiet uffiċjali tal-Aġenzija, il-pajjiżi membri tagħha jew il-Kummissjoni.

Edituri: Mary Kyriazopoulou, Paul Bartolo, Eva Björck-Åkesson, Climent Giné u Flora Bellour

Estratti mid-dokument huma permessi sakemm issir referenza ċara għas-sors. Referenza għal dan ir-rapport għandha ssir kif ġej: L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2017. *Edukazzjoni Inklużiva Bikrija: Għarfien u Għodod Ġodda – Rapport Sommarju Finali*. (M. Kyriazopoulou, P. Bartolo, E. Björck-Åkesson, C. Giné u F. Bellour, edituri). Odense, id-Danimarka

Bil-għan li tinkiseb aċċessibbiltà ikbar, dan ir-rapport huwa disponibbli fi 25 lingwa u huwa f'format elettroniku aċċessibbli fuq il-websajt tal-Aġenzija: www.european-agency.org

Din hija traduzzjoni ta' test oriġinali bl-Ingliż. Fil-każ ta' dubju dwar l-akkuratezza tal-informazzjoni fit-traduzzjoni, jekk jogħġbok irreferi għat-test oriġinali bl-Ingliż.

ISBN: 978-87-7110-705-0 (Elettroniku)

**© European Agency for Special Needs and Inclusive Education 2017**

Segretarjat
Østre Stationsvej 33
DK-5000 Odense C Denmark
Tlf.: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Uffiċċju ta' Brussell
Rue Montoyer, 21
BE-1000 Brussels Belgium
Tlf.: +32 2 213 62 80
brussels.office@european-agency.org

# WERREJ


INTRODUZZJONI 5

SFOND 6

SEJBIET U KONTRIBUZZJONIJIET TAL-PROĠETT LILL-IECE 7

1. Appoġġ lit-tfal kollha biex iħossu sens ta’ appartenenza, jinvolvu ruħhom u jitgħallmu 7

2. L-Iżvilupp ta’ Għodda ta’ Awtoriflessjoni 8

3. L-adattazzjoni ta’ Mudell ta’ Ekosistema tal-IECE 9

*Dimensjoni 1: Eżiti* *12*

*Dimensjoni 2: Proċessi* *12*

*Dimensjoni 3: Strutturi ta’ sostenn fl-ambjent tal-IECE* *12*

*Dimensjoni 4: Strutturi ta’ sostenn fil-komunità* *12*

*Dimensjoni 5: Strutturi ta’ sostenn fil-livelli reġjonali/nazzjonali* *12*

*Użu kollaborattiv tal-mudell minn dawk li jfasslu l-politiki u l-prattikanti* *13*

RAKKOMANDAZZJONIJIET 13

OUTPUTS TAL-PROĠETT 16

REFERENZI 17


VIOLETA
IAN
MARTA

# INTRODUZZJONI

Il-kwalità fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal hija tħassib prominenti għal dawk li jfasslu l-politiki u reċentement saret prijorità għal ħafna organizzazzjonijiet internazzjonali u Ewropej. Dawn jinkludu l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), l-Organizzazzjoni Edukattiva, Xjentifika u Kulturali tan-Nazzjonijiet Uniti (UNESCO), il-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal (UNICEF), il-Kummissjoni Ewropea, Eurydice u l-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija), fost oħrajn. Aktar reċentement, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2017) enfasizza l-ħtieġa li tingħata prijorità lill-kura u edukazzjoni bikrija tat-tfal ta' kwalità għolja sabiex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi fit-tagħlim tul il-ħajja.

Minħabba dan it-tħassib internazzjonali, l-Aġenzija wettqet proġett ta' tliet snin (2015–2017) bit-titlu Edukazzjoni Inklużiva Bikrija. Dan kellu l-għan li jidentifika, janalizza u sussegwentement jippromwovi l-karatteristiċi ewlenin ta' edukazzjoni inklużiva bikrija (IECE)[1] ta' kwalità għat-tfal kollha[2] minn tliet snin sal-bidu tal-edukazzjoni primarja. Dan ipprovda l-opportunità li jiġi eżaminat iżjed mill-qrib il-mod kif, fi ħdan perspettiva inklużiva, id-dispożizzjonijiet tal-IECE madwar l-Ewropa qed jindirizzaw il-prinċipji tal-kwalità diġà identifikati mill-Kummissjoni Ewropea (2014) u l-OECD (2015).

Dan il-proġett kien ibbażat fuq il-letteratura ta' riċerka u politika rilevanti, id-data miġbura permezz ta' osservazzjonijiet ta' eżempji ta' ambjenti tal-IECE[3] f'diversi pajjiżi, deskrizzjonijiet ta' eżempji minn prattikanti madwar l-Ewropa, u l-kwestjonarji dwar l-iżviluppi nazzjonali fl-IECE fil-pajjiżi membri kollha tal-Aġenzija. Erbgħa u sittin espert ta' pajjiżi tal-IECE minn madwar l-Ewropa kkontribwew għall-proġett. Dawn ipparteċipaw fil-ġbir u l-analiżi tad-data, f'osservazzjonijiet u diskussjonijiet matul tmien żjarat ta' studju ta' każ f'pajjiżi differenti, u f'laqgħat oħra tal-proġett. Dawn wasslu għall-għarfien u l-kontribuzzjonijiet finali tal-proġett lill-IECE.

Dan ir-rapport huwa sommarju tar-rapport ta' sinteżi (l-Aġenzija Ewropea, 2017a) li jiġbor flimkien is-sejbiet ewlenin tal-proġett. Dan jiffoka fuq it-tliet kontribuzzjonijiet ġodda tal-proġett lit-tfassil tal-politiki, ir-riċerka u l-prattika fl-IECE.

---

[1] Dan id-dokument juża t-terminu 'edukazzjoni inklużiva bikrija' (IECE, inclusive early childhood education) għas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-proġett, filwaqt li juża 'edukazzjoni bikrija tat-tfal' (ECE, early childhood education) jew 'kura u edukazzjoni bikrija tat-tfal' (ECEC, early childhood education and care) meta jirreferi għal-letteratura rilevanti.

[2] 'It-tfal kollha' tirreferi għal kull tifel u tifla.

[3] L-ambjenti tal-IECE jew l-iskejjel ta' qabel il-primarja jirreferu għall-faċilitajiet għall-edukazzjoni tat-tfal minn tliet snin sal-bidu tal-edukazzjoni primarja fil-pajjiżi differenti Ewropej.

Dawn huma:

- razzjonal għal u l-implikazzjonijiet tal-adozzjoni ta' viżjoni u għanijiet inklużivi bħala l-istandards ewlenin tal-politika u l-provvediment tal-IECE;

- l-iżvilupp u l-użu mill-prattikanti ta' Għodda ta' Awtoriflessjoni għat-titjib tal-ambjent tal-IECE;

- l-adattazzjoni ta' Mudell ta' Ekosistema tal-IECE fil-livell tal-ambjent, il-komunità u nazzjonali.

Dan ir-rapport jikkonkludi b'sett ta' rakkomandazzjonijiet maħsuba l-aktar għal dawk li jfasslu l-politiki. Dawn huma ppreżentati fil-qafas tal-Mudell ta' Ekosistema tal-IECE ġdid.

# SFOND

Il-kwalità fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal (ECE) hija tħassib prominenti għal dawk li jfasslu l-politiki. Numru dejjem jikber ta' studji Ewropej u internazzjonali wera li l-benefiċċji pożittivi tal-ECE huma relatati direttament ma' u jiddependu fuq il-'kwalità'. Il-Kummissjoni Ewropea (2014) identifikat u analizzat ħames azzjonijiet ta' politika prinċipali li tejbu l-kwalità u l-aċċess tal-ECE. Dawn huma:

- Aċċess għal ECE ta' kwalità għat-tfal kollha
- Il-kwalità tal-ħaddiema
- Kurrikulu/kontenut ta' kwalità
- Evalwazzjoni u monitoraġġ
- Governanza u finanzjament.

Dan il-proġett tal-Aġenzija żviluppa għarfien ġdid dwar l-IECE l-ewwel billi ġab flimkien l-esperjenza u l-kompetenza tal-membri tagħha madwar l-Ewropa. Fl-istess ħin, il-proċess tal-proġett kien imtejjeb permezz ta' kombinazzjoni kreattiva ġdida ta' tliet oqfsa teoretiċi li qabel kienu jintużaw biss separatament għad-deskrizzjoni tal-proviżjoni ta' ECE ta' kwalità għolja:

- **Il-qafas tal-inklużjoni**: Dan huwa komponent ewlieni tad-dispożizzjoni ta' kwalità għall-Aġenzija u l-pajjiżi membri tagħha, li jfittex:

  *… li jiġi żgurat li l-istudenti kollha ta' kwalunkwe età jingħataw opportunitajiet ta' edukazzjoni ta' kwalità għolja u sinifikanti fil-komunità lokali tagħhom, flimkien ma'*

*sħabhom u ħbiebhom* (l-Aġenzija Ewropea, 2015, p. 1).

- **Il-qafas ta' struttura-proċess-riżultat**: **L-istruttura** tiffoka fuq il-qafas legali u l-kundizzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali li jinfluwenzaw il-kwalità tal-esperjenzi tat-tfal fl-ambjent tal-ECE. **Il-proċess** jirrappreżenta l-interazzjonijiet bejn it-tfal u l-impjegati u ħbiebhom u l-ambjent fiżiku tal-ECE. **Ir-riżultat** jirrifletti l-impatt li l-istrutturi u l-proċessi għandhom fuq il-benessri, l-ingaġġ u t-tagħlim tat-tfal (Kummissjoni Ewropea, 2014; OECD, 2015).

- **Il-mudell tas-sistemi ekoloġiċi**: Dan il-mudell iqis l-influwenzi kumplessi li qed jevolvu fuq it-tfal, li jirriżultaw mill-interazzjonijiet u l-interrelazzjonijiet tagħhom mas-sistemi ta' madwarhom fl-iskola/dar, il-komunità u r-reġjun/pajjiż – imsejħa mikro-, meżo-, eżo- u makrosistemi – li jiffunzjonaw u jikbru fihom (Bronfenbrenner u Morris, 2006).

Kull wieħed minn dawn ġie applikat separatament għat-titjib tal-kwalità tal-ECE fil-politika, ir-riċerka u l-prattika. Madankollu, f'dan il-proġett dawn kienu marbutin mal-mudell tal-ekosistema li jikkostitwixxi wieħed mill-għarfien u l-għodod ġodda prodotti mill-proġett.

# SEJBIET U KONTRIBUZZJONIJIET TAL-PROĠETT LILL-IECE

L-analiżi u d-diskussjoni tad-data kollha tal-proġett wasslu għal tliet kontribuzzjonijiet ġodda lit-tfassil tal-politiki, ir-riċerka u l-prattika fl-IECE.

## 1. Appoġġ lit-tfal kollha biex iħossu sens ta' appartenenza, jinvolvu ruħhom u jitgħallmu

L-analiżi tad-data tal-proġett tissuġġerixxi bil-qawwi li, minn perspettiva ta' inklużjoni, ir-riżultat l-iktar importanti tad-dispożizzjoni tal-kwalità huwa li jingħata appoġġ lit-tfal kollha biex jipparteċipaw b'mod attiv fl-IECE. B'dan il-mod, it-tfal kollha – inklużi dawk vulnerabbli għall-esklużjoni – jkunu valutati b'mod ugwali, mogħtija sostenn u appoġġ biex jimxu 'l quddiem flimkien ma' ħbiebhom.

L-ewwel rekwiżit ovvju tal-parteċipazzjoni huwa li dawn ikunu preżenti fl-ambjent matul l-attivitajiet tal-iskola u tat-tagħlim ta' kuljum. Dan huwa influwenzat ħafna mid-dispożizzjonijiet statutorji nazzjonali u reġjonali għal IECE aċċessibbli. Dawn jinkludu d-dritt għal u d-disponibbiltà ta' postijiet fl-IECE li huma affordabbli. Il-proġett sab li

l-attendenza universali hija possibbli biss jekk l-ambjent lokali jilħaq b'mod proattiv lill-ġenituri kollha fil-komunità. Barra dan, l-ambjenti tal-IECE jiżguraw li kull tifel u tifla mhux biss jattendu, iżda li jkunu wkoll involuti attivament fl-attivitajiet soċjali u tat-tagħlim, bis-sostenn rilevanti kif meħtieġ.

Mill-fehma tal-inklużjoni, kull tifel u tifla huma uniċi. Huwa essenzjali li tingħata attenzjoni lill-progress ta' kull tifel u tifla, aktar milli sempliċement niffokaw fuq il-kisba tal-istandards ta' kompetenza nazzjonali. Dan jippermetti lit-tfal kollha – irrispettivament mil-livell ta' ksib tagħhom – biex ikunu valutati b'mod ugwali bħala parteċipanti attivi u studenti mal-grupp ta' ħbiebhom u biex jingħataw is-sostenn li jeħtieġu biex jimxu 'l quddiem. L-eżempji ta' ambjenti tal-IECE fittxew dan b'mod espliċitu billi l-ewwel laqgħu u vvalutaw kull tifel u tifla f'komunità ta' tagħlim kreattiv u ta' sostenn fejn kulħadd jappartjeni u jgawdi relazzjonijiet pożittivi kemm mal-impjegati kif ukoll ma' ħbiebhom. F'din l-atmosfera akkoljenti, it-tfal imbagħad huma mistiedna u mogħtija appoġġ biex:

- jużaw is-saħħiet tagħhom;
- jagħmlu għażliet, b'mod partikolari fil-logħob;
- jeżerċitaw il-kurżità tagħhom u l-awtodirezzjoni;
- jesprimu interessi u miri u jkunu ingaġġati fis-soluzzjoni ta' problemi;
- ikunu motivati għal u jinvolvu ruħhom f'attivitajiet siewja flimkien u f'interazzjoni mal-grupp ta' ħbiebhom.

## 2. L-Iżvilupp ta' Għodda ta' Awtoriflessjoni

It-tieni kontribuzzjoni tal-proġett hija l-iżvilupp ta' Għodda ta' Awtoriflessjoni. It-tim tal-proġett ikkombina l-ispirazzjonijiet mill-istrumenti eżistenti li jiffokaw fuq l-ambjent edukattiv tal-ECE (ara r-referenzi fl-Aġenzija Ewropea, 2017b) bil-proġett li fittex li jiddeskrivi l-karatteristiċi ewlenin tal-IECE ta' kwalità għat-tfal kollha.

L-Għodda ta' Awtoriflessjoni tiffoka fuq l-iskola ta' qabel il-primarja bħala post għal parteċipazzjoni u tagħlim. Din tagħti attenzjoni lill-fatturi ta' proċess u strutturali fl-ambjent li jinfluwenzaw l-esperjenzi tat-tfal. L-għodda tindirizza tmien aspetti:

1. Atmosfera ġenerali akkoljenti
2. Ambjent soċjali inkluživ
3. Approċċ iċċentrat fuq it-tfal
4. Ambjent fiżiku tajjeb għat-tfal

5. Materjali għat-tfal kollha
6. Opportunitajiet għall-komunikazzjoni għal kulħadd
7. Ambjent ta' struzzjoni u tagħlim inkluživ
8. Ambjent tajjeb għall-familja.

Sett ta' mistoqsijiet ikopri kull aspett. Dawn għandhom l-għan li jgħinu l-prattikanti fir-riflessjoni tagħhom. Dawn jinkludu spazju fejn wieħed jista' jinnota s-saħħiet u n-nuqqasijiet fl-inklużività tas-servizz, kif ukoll għall-istabbiliment ta' miri għat-titjib. L-Għodda ta' Awtoriflessjoni tista' tintuża għal diversi skopijiet. Dawn jinkludu:

- biex tingħata stampa tal-istat ta' inklużività tal-ambjent;
- biex sservi bħala bażi għal diskussjonijiet bejn l-istakeholders dwar l-inklużjoni;
- biex jiġu identifikati u deskritti l-oqsma problematiċi, jiġu stabbiliti miri għat-titjib u ppjanati interventi sabiex tiġi żgurata proviżjoni inkluživa;
- biex jiġu evalwati l-modi differenti kif wieħed jista' jaħdem b'mod inkluživ;
- biex jiġu żviluppati indikaturi tal-inklużjoni fl-istandards nazzjonali għal IECE ta' kwalità.

Ir-rilevanza, l-adegwatezza u l-utilità tal-mistoqsijiet kienu evalwati matul it-tmien żjarat fl-eżempji ta' ambjenti tal-IECE fil-pajjiżi differenti. Dawn kienu evalwati wkoll permezz ta' gruppi fokus u intervisti konjittivi mal-prattikanti, il-ġenituri, l-istudenti għalliema u l-impjegati akkademiċi fl-edukazzjoni tal-għalliema fi tliet pajjiżi oħra. Ir-riżultati jissuġġerixxu li din tista' tkun għodda utli għall-prattikanti kollha tal-iskejjel ta' qabel il-primarja madwar l-Ewropa kollha u lil hinn sabiex itejbu l-inklużività tal-ambjenti tal-IECE tagħhom.

# 3. L-adattazzjoni ta' Mudell ta' Ekosistema tal-IECE

It-tielet kontribuzzjoni tal-proġett kienet l-iżvilupp ta' Mudell ta' Ekosistema tal-IECE. Dan iservi bħala qafas għall-ippjanar, it-titjib, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-kwalità tal-IECE fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali (jekk jogħġbok irreferi għall-Figura 1).

Il-mudell jiġbor flimkien il-kwistjonijiet kollha importanti tal-IECE li ħarġu mid-data miksuba mill-eżempji ta' ambjenti ta' IECE differenti. Madankollu, mhux kull ambjent enfasizza bl-istess mod jew ipprovda evidenza ta' kull kwistjoni. Għal din ir-raġuni, u kif issuġġeriet għall-Għodda ta' Awtoriflessjoni, il-mudell iservi l-aħjar bħala qafas. Bl-użu ta' dan il-qafas, dawk li jfasslu l-politiki u l-prattikanti jistgħu jikkunsidraw il-ħtiġijiet prijoritarji u l-miri tagħhom fl-istampa komprensiva tal-mudell tal-kwistjonijiet rilevanti għal IECE ta' kwalità.




**Figura 1: Il-Mudell ta' Ekosistema tal-Edukazzjoni Inklużiva Bikrija**

Figura 1 tippreżenta l-eżiti, il-proċessi u l-istrutturi ta' IECE ta' kwalità f'mudell ta' ekosistema raggruppati f'ħames dimensjonijiet:

**Dimensjoni 1: Eżiti**
Iċ-ċentru tal-mudell fih it-tliet **eżiti** ewlenin tal-IECE, jiġifieri 'Appartenenza, ingaġġ u tagħlim tat-tfal'.

**Dimensjoni 2: Proċessi**
Direttament madwar l-outcomes hemm il-ħames **proċessi** prinċipali li t-tfal huma involuti direttament fihom fl-ambjent tal-IECE, minn interazzjoni soċjali pożittiva għal parteċipazzjoni attiva fit-tagħlim u l-attivitajiet soċjali bis-sostenn meħtieġ skont kif neċessarju.

**Dimensjoni 3: Strutturi ta' sostenn fl-ambjent tal-IECE**
Il-proċessi prinċipali huma, mbagħad, sostnuti minn **strutturi fl-ambjent fiżiku, soċjali, kulturali u edukattiv tal-ambjenti**. Dawn jinkludu strutturi li jippermettu li kull tifel u tifla jkunu valutati, ambjent tat-tagħlim aċċessibbli u olistiku, u tmexxija u kollaborazzjoni inklużivi.

**Dimensjoni 4: Strutturi ta' sostenn fil-komunità**
Minbarra dan, **fatturi strutturali fid-dar u l-komunità** iktar distanti madwar l-ambjent tal-IECE jaffettwaw il-proċessi inklużivi li t-tfal jesperjenzaw. Dawn jinkludu l-kollaborazzjoni mal-familji u s-servizzi ta' sostenn, kif ukoll proċeduri għal tranżizzjonijiet mingħajr xkiel lejn u mill-ambjent tal-IECE.

**Dimensjoni 5: Strutturi ta' sostenn fil-livelli reġjonali/nazzjonali**
Fl-aħħar nett, is-saff ta' barra tal-mudell jippreżenta **fatturi strutturali li joperaw fil-livelli**





**reġjonali/nazzjonali** li wkoll jinfluwenzaw dak li jseħħ fl-ambjent. Dawn jinkludu politiki nazzjonali bbażati fuq id-drittijiet kif ukoll sistemi ta' evalwazzjoni, governanza tajba u politiki ta' riċerka rilevanti.

**Użu kollaborattiv tal-mudell minn dawk li jfasslu l-politiki u l-prattikanti**
Il-mudell jista' jtejjeb il-kollaborazzjoni fost dawk li jfasslu l-politiki u l-prattikanti għall-iżvilupp u l-promozzjoni ta' strutturi u proċessi ta' kwalità fil-livelli kollha bl-għan li jgħinu lit-tfal kollha jipparteċipaw b'mod attiv fl-IECE.

Il-Mudell ta' Ekosistema jiċċara d-duplikazzjoni tar-responsabbiltajiet lokali u reġjonali/nazzjonali. Pereżempju, dawk li jfasslu l-politiki reġjonali/nazzjonali huma prinċipalment responsabbli għal approċċ ibbażat fuq id-drittijiet lejn il-leġiżlazzjoni u l-finanzjament li jagħti d-dritt lit-tfal kollha biex ikollhom aċċess għal proviżjoni integrata (ċirku ta' barra). Madankollu, sabiex it-tfal kollha jkunu verament jistgħu jingħaqdu ma' ħbiebhom fl-ambjent integrat, l-impjegati tal-ambjent iridu jilqgħu t-tfal kollha u l-familji tagħhom u jagħmlu l-isforz neċessarju biex jiżguraw li t-tfal kollha mil-lokalità jistgħu jieħdu parti attiva u siewja fl-ambjent (ċirku ta' ġewwa).

Bl-istess mod, dawk li jfasslu l-politiki nazzjonali għandhom jiżguraw li hemm programmi ta' edukazzjoni inizjali tal-għalliema għall-IECE (ċirku ta' ġewwa). Madankollu, l-ambjent lokali huwa responsabbli biex jiżgura li l-impjegati tiegħu kollha huma għalliema mħarrġin sew (sa fejn possibbli) u li dawn ikollhom opportunitajiet kostanti biex isaħħu l-ħiliet sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet differenti tat-tfal kollha li jkollhom aċċess għall-ambjent (ċirku ta' ġewwa).

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

Dan il-proġett kellu l-għan li jidentifika, janalizza u sussegwentement jippromwovi l-karatteristiċi ewlenin ta' IECE ta' kwalità għat-tfal kollha minn tliet snin sal-bidu tal-edukazzjoni primarja. Il-proġett jibni fuq il-fehimiet eżistenti tal-IECE u jżid għarfien ġdid fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-proġett huma organizzati skont il-Mudell ta' Ekosistema. Dawn huma indirizzati l-aktar lejn dawk li jfasslu l-politiki f'termini ta' kif jistgħu jsostnu lill-prattikanti sabiex jiżguraw IECE ta' kwalità.

**Sabiex jiżguraw li l-parteċipazzjoni attiva u t-tagħlim tat-tfal fl-IECE jsiru għan ewlieni tad-dispożizzjonijiet tal-IECE, dawk li jfasslu l-politika għandhom:**

1. Jappoġġjaw il-fornituri lokali tal-IECE sabiex jilħqu b'mod proattiv lit-tfal u l-familji u jisimgħu l-fehmiet tagħhom.


10
8
9
7
5
6
4
2
3
1

2. Joħolqu l-kundizzjonijiet għall-ambjenti tal-IECE li jiżguraw mhux biss l-attendenza tat-tfal, iżda wkoll l-ingaġġ tagħhom meta jkunu hemm.

**Sabiex jiżguraw li l-parteċipazzjoni attiva u t-tagħlim tat-tfal fl-IECE jsiru għan u proċess ewlieni tad-dispożizzjonijiet tal-IECE, dawk li jfasslu l-politika għandhom:**

3. Jiżguraw li kurrikulu nazzjonali olistiku jistabbilixxi bħala l-għan u standard primarju tiegħu li t-tfal kollha jkunu mogħtija appoġġ biex iħossuhom li jappartjenu, jkunu ingaġġati u jitgħallmu, kemm indipendentement kif ukoll ma' ħbiebhom.
4. Jiżguraw li l-assessjar tat-tfal jinkludi wkoll il-livell ta' parteċipazzjoni tat-tfal fl-attivitajiet ta' tagħlim u soċjali u ta' interazzjoni soċjali mal-adulti u ħbiebhom u għal kull sostenn meħtieġ biex dan iseħħ.

**Sabiex jiżguraw li l-ambjenti tal-IECE għandhom il-kapaċità li jilqgħu u jinvolvu t-tfal kollha, dawk li jfasslu l-politiki għandhom:**

5. Jiżguraw li l-edukazzjoni inizjali u kontinwa għall-għalliema u l-impjegati ta' sostenn tippermettilhom jiżviluppaw il-kompetenzi meħtieġa biex jilqgħu u jingaġġaw lit-tfal kollha fl-attivitajiet ta' kuljum tal-IECE.
6. Jiżguraw li l-prattikanti kollha jkunu ppreparati biex jifhmu l-isfondi kulturali tat-tfal u l-familji bħala fattur li jippermetti l-parteċipazzjoni attiva tagħhom fl-IECE.
7. Joħolqu l-kundizzjonijiet għall-mexxejja tal-ambjenti tal-IECE biex jadottaw approċċ inklużiv, biex ikollhom il-kompetenza biex joħolqu etos akkoljenti u li jieħu ħsieb u li jippermettu responsabbiltà kollaborattiva għall-benefiċċju tal-ingaġġ tat-tfal kollha.
8. Jagħtu prijorità lill-iżvilupp u l-użu ta' għodod għat-titjib tal-inklużività tal-ambjent fiżiku u soċjali tal-IECE, kif muri fl-eżempju tal-Għodda ta' Awtoriflessjoni.

**Sabiex jiżguraw li l-ambjenti tal-IECE għandhom il-kapaċità li jissodisfaw il-ħtiġijiet addizzjonali tat-tfal kollha, dawk li jfasslu l-politiki għandhom:**

9. Jiżguraw li l-komunità lokali tipprovdi l-kompetenza u r-riżorsi biex tiżgura li kull tifel u tifla jkunu jistgħu jattendu, jkunu parti mill-grupp ta' ħbiebhom u jipparteċipaw b'mod attiv fl-attivitajiet ta' tagħlim u soċjali.
10. Jippromwovu l-kollaborazzjoni fost is-setturi u d-dixxiplini kollha, flimkien mal-prattikanti, il-familji u l-komunitajiet lokali, sabiex itejbu l-kwalità tal-appartenenza, l-ingaġġ u t-tagħlim tat-tfal kollha.

**Sabiex l-assigurazzjoni tal-kwalità tiffoka verament fuq l-iżgurar ta' servizz ta' kwalità għat-tfal fl-IECE, dawk li jfasslu l-politiki għandhom:**

11. Jiżguraw li l-ġbir tal-informazzjoni statistika tinkludi l-għadd ta' tfal li ma jingħatawx id-dritt għal IECE ta' kwalità u t-tip ta' xkiel li jżommhom milli jkollhom aċċess għaliha.

12. Jiżguraw li l-evalwazzjonijiet tas-servizz jikkunsidraw il-livell sa fejn it-tfal kollha għandhom opportunitajiet għal parteċipazzjoni attiva, logħob indipendenti, ta' inizjattiva proprja u soċjali u attivitajiet oħra.
13. Jiżguraw l-iżvilupp ta' indikaturi ta' kwalità tal-*inklużjoni* għall-edukazzjoni bikrija tat-tfal billi jużaw, fost riżorsi oħra, il-Mudell ta' Ekosistema u l-Għodda ta' Awtoriflessjoni tal-proġett tal-IECE.

**Sabiex jiżguraw li t-tfassil tal-politiki jkollu impatt fuq il-kwalità tal-prattika tal-IECE, dawk li jfasslu l-politiki fis-setturi differenti u fil-livelli differenti lokali, reġjonali u nazzjonali għandhom:**

14. Jikkollaboraw ma' xulxin u mal-fornituri tas-servizz sabiex jiggarantixxu l-kwalità u l-inklużività tas-servizzi tal-IECE permezz ta' fehim kondiviż tal-kwistjonijiet ta' kwalità inklużiva, kif mogħti fl-eżempju tal-Mudell ta' Ekosistema tal-IECE.

# OUTPUTS TAL-PROĠETT

Dan ir-rapport iffoka fuq il-kontribuzzjonijiet il-ġodda tal-proġett lill-politika, il-prattika u r-riċerka dwar l-IECE. Dawn kienu l-outcomes finali ta' proċess transEwropew ta' tliet snin li kien jinkludi l-attivitajiet u l-outputs li ġejjin:

- Analiżi tal-letteratura u l-politiki, li tipprovdi l-qafas kunċettwali tal-proġett u tinkludi analiżi tal-letteratura ta' riċerka u d-dokumenti ta' politika internazzjonali u Ewropew dwar l-IECE (l-Aġenzija Ewropea, 2017c)
- Il-ġbir u l-analiżi kwalitattiva ta' 32 eżempju ta' ambjenti tal-IECE minn 28 pajjiż membru tal-Aġenzija (l-Aġenzija Ewropea, 2016)
- Żjarat fuq il-post individwali dettaljati lil eżempji ta' ambjenti tal-IECE fi tmien pajjiżi differenti
- Tweġibiet għall-kwestjonarju tal-pajjiżi individwali, li jipprovdu informazzjoni dwar il-politika u l-prattika fl-IECE għat-tfal kollha fil-livell nazzjonali fil-pajjiżi membri tal-Aġenzija
- Għodda ta' Awtoriflessjoni għat-titjib tal-ambjenti tal-IECE li ġiet kostruwita permezz tal-parteċipazzjoni tal-istakeholders f'kull waħda mit-tmien żjarat lill-eżempji ta' ambjenti tal-IECE u permezz ta' studji ta' validazzjoni ekoloġika addizzjonali fi tliet pajjiżi differenti. Din hija disponibbli f'25 lingwa. (l-Aġenzija Ewropew, 2017b)
- Ir-rapport ta' sinteżi, *Inclusive Early Childhood Education: New Insights and Tools – Contributions from a European Study [Edukazzjoni inklużiva bikrija: Għarfien u għodod ġodda – Kontribuzzjonijiet minn studju Ewropew]* (l-Aġenzija Ewropea, 2017a), li dan ir-rapport huwa sommarju tiegħu.

Dawn l-outputs kollha tal-proġett huma disponibbli fuq l-ispazju tal-web tal-proġett tal-IECE: **www.european-agency.org/agency-projects/inclusive-early-childhood-education**

# REFERENZI


Bronfenbrenner, U. u Morris, P. A., 2006. 'The Bioecological Model of Human Development' [Il-mudell bijoekoloġiku fl-iżvilupp tal-bniedem], f'W. Damon u R. M. Lerner (edituri), *Handbook of Child Psychology, Vol. 1: Theoretical models of human development [Manwal tal-psikoloġija tat-tfal, Vol. 1: Mudelli teoretiċi tal-iżvilupp tal-bniedem]* (is-sitt edizzjoni). New York: Wiley

Il-Kummissjoni Ewropea, 2014. *Il-Proposta għall-prinċipji ewlenin ta' Qafas ta' Kwalità għall-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal*. Rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal taħt l-awspiċji tal-Kummissjoni Ewropea. **ec.europa.eu/assets/eac/education/policy/strategic-framework/archive/documents/ecec-quality-framework_en.pdf** (Aċċessat l-aħħar f'April 2017)

Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2017. *Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-Inklużjoni fid-Diversità biex tinkiseb Edukazzjoni ta' Kwalità Għolja għal Kulħadd*. 2017/C 62/02. **eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv:OJ.C_.2017.062.01.0003.01.MLT** (Aċċessat l-aħħar f'Ġunju 2017)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2015. *Il-pożizzjoni tal-Aġenzija dwar sistemi ta' edukazzjoni inklużiva*. Odense, id-Danimarka. **www.european-agency.org/publications/brochures-and-flyers/agency-position-on-inclusive-education-systems-flyer** (Aċċessat l-aħħar f'Novembru 2016)




L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2016. *Inclusive Early Childhood Education: An analysis of 32 European examples [Edukazzjoni Inklużiva Bikrija: Analiżi ta' 32 eżempju Ewropew]*. (P. Bartolo, E. Björck-Åkesson, C. Giné u M. Kyriazopoulou, edituri). Odense, id-Danimarka. **www.european-agency.org/publications/ereports/iece-analysis-of-32-european-examples** (Aċċessat l-aħħar f'Ġunju 2017)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2017a. *Inclusive Early Childhood Education: New Insights and Tools – Contributions from a European Study [Edukazzjoni Inklużiva Bikrija: Għarfien u għodod ġodda - Kontribuzzjonijiet minn studju Ewropew]*. (M. Kyriazopoulou, P. Bartolo, E. Björck-Åkesson, C. Giné u F. Bellour, edituri). Odense, id-Danimarka. **www.european-agency.org/publications/ereports/iece-new-insights-and-tools** (Aċċessat l-aħħar f'Diċembru 2017)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2017b. *Għodda ta' Awtoriflessjoni għall-Ambjent tal-Edukazzjoni Inklużiva Bikrija*. (E. Björck-Åkesson, M. Kyriazopoulou, C. Giné u P. Bartolo, edituri). Odense, id-Danimarka. **www.european-agency.org/publications/ereports/inclusive-early-childhood-education-environment-self-reflection-tool** (Aċċessat l-aħħar f'Awwissu 2017)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2017c. *Inclusive Early Childhood Education: Literature Review [Edukazzjoni Inklużiva Bikrija: Analiżi tal-letteratura]*. (F. Bellour, P. Bartolo u M. Kyriazopoulou, edituri). Odense, id-Danimarka. **www.european-agency.org/publications/reviews/iece-literature-review** (Aċċessat l-aħħar f'Diċembru 2017)

L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, 2015. *Starting Strong IV: Monitoring Quality in Early Childhood Education and Care [Nibdew fis-Sod IV: Monitoraġġ tal-kwalità fil-kura u l-edukazzjoni bikrija tat-tfal].* Pariġi: OECD Publishing. **www.oecd.org/publications/starting-strong-iv-9789264233515-en.htm** (Aċċessat l-aħħar f'Novembru 2016)



Segretarjat:

Østre Stationsvej 33
DK-5000
Odense C
Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Uffiċċju ta' Brussell:

Rue Montoyer 21
BE-1000
Brussels
Belgium
Tel: +32 2 213 62 80
brussels.office@european-agency.org

www.european-agency.org

MT